**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju, 2002

**Numru 38**

**Avviz. numru 837/02JR**

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Emanuel Vassallo u martu Catherine Vassallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fl-4 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm380.00), rapprezentanti import ta' sitt kambjali, wahda ta tmintax-il lira Maltija (Lm18.00) (bilanc), erbgha ta' sebgha u sebghin lira Malitja (Lm77.00) il–wahda, u wahda ta' erbgha u hamsin lira Maltija (Lm54.00) debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2001 sa Marzu, 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal disa' liri Maltin (Lm9.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm380.00) bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal disa' liri Maltin (Lm9.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**